KUNSILL LOKALI ISLA

IL-ĦAMES KUNSILL

LAQGĦA NUMRU ERBGHA U ERBGHIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Hamis 17 ta' Jannar, 2008 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Rapport tal-Board ta' l-ghazla ta' Skrivan/a u Segretarju/a Ezekuttiv
4. Xogholijiet ta' Mains tal-ilma
5. Rapport Ground tal-Football
6. Zjara w attivitajiet H.M.S. Illustrious
7. Approvazzjoni w iffirmar ta' pagamenti w ordnijiet

## 44 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Dawn sejrin jitressqu fil-laqgha li jmiss

## 44(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li l-attivitajiet li kienu ppjanati li jsiru mill-Kunsill ghal zmien il-Milied kienu success u l-konkorrenza kienet tajba hafna.

44(2) 1 **Rigal lill-Anzjani 24/12/07**

Jidher li din is-sena il-programmipprezentat kien l-ahjar wiehed minn kemm ilha ssir din l-attivita'. Ghal kull attivita' li saret in-nies ikkonkorrew bi hgarhom u hadu pjacir hafna.

44(2) 2 **Djarju tal-Komunita'**

Dan tqassam kwazi f'kull dar u l-kummenti li rcevejna l-Kunsill kienu pozittivi hafna. Dan id-djarju intlaqa tajjeb. Kif kien ippjanat meta saret l-ordni, fadal madwar 150 kopja li sejrin jinzammu ghal dawk ic-cittadini Sengleani li jghixu barra mill-Isla.

44 (2) 3 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta li ssemmiet**

| | |
|---|---|
| **04/2807/07/I** | Talba mill-familja Costa biex jaghmlu uzu mis-sala ghal maghmudija is-Sibt 19 ta' Jannar 2008. |
| **04/2809/07/I**<br>**04/2810/07/I** | Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bghat zewg acknowledgements dwar l-ittri taghna Haddiema IPSL – 5-a-side football pitch |
| **04/2813/07/I** | Ittra ufficcjali lis-Sindku dwar Andalusian Education & Culture Solutions (AECS) Granada Spanja dwar aktar kooperazzjoni bejn iz-zewg komunitajiet. Jekk naccettawx l-istedina. |
| **04/2846/07/I** | Il-Kunsilliera Charmaine Gerada bghatet e-mail dwar diskussjoni li kellha mad-Direttur Natalino Attard u Tonio Fenech dwar il-Ground tal-Football fil-ponta. |
| **04/2853/07/I** | Inginier Nigel Ellul ghal Water Services Corporation kien cempel lis-Sindku dwar ix-xogholijiet tal-ilma u s-Sindku talbu jibghat ittra. |
| **04/0037/08/I** | L-Ispettur M. Farrugia ghad-Dipartiment Investigazzjoni Kriminali talab biex issir laqgha ghax-xahar ta'Jannar 2008. |
| **04/0057/08/I** | Il-Kunsilliera Charmaine Gerada bghatet nota ta' ringrazzjament ghat-turija ta' soghba li wrejtu mal-familja ghat-telfa tan-nannu taghha. |
| **04/0064/08/I** | Direttur Perit Anton Camilleri irrisponda lill-Kunsill li ttiehdet azzjoni dwar l-ilment ta' Alfred Barbara. |
| **04/0069/08/I** | L-Ambaxxatur Dr. Lucio Guerrato ghal Anna Lindth Foundation bghat jinfurmana li gejna maghzula biex niehdu sehem fil-1001 Actions for Dialogue Campaign. Se jkun hemm Grants ta' bejn 500-2500 Euro ghal Gurnata Attivita fil-lokal. |
| **04/0087/08/I** | Joe Scerri koordinatur ghall-Kunsill Lokali bghat il-proposti ghal Events li ghandhom isiru fit-2 ta' Mejju 2008 bhala parti mill-attivitajiet ta' Anna Lindth Euro Mediterranean Foundation. |
| **04/0088/08/I** | Is-Segretarju tal-klabb tal-hamiem Ivan Zammit ghamel talba biex issir lampa fuq il-Klabb taghhom fit-Triq it-Tarzna, peress li hemm hafna dlam. |
| **04/0104/08/I** | Adrian Mifsud President ghall-Assocjazzjoni tas-Segretarji bghat e-mail dwar il-provista ta' bus shelters fil-lokalita taghna<br>#Dwar il-Kunsill ghandhux jew gabx l-approvazzjoni tal-MEPA |

| | |
|---|---|
| | #Il-Kunsill ghadux interessat li jwahhal il-Bus Shelters |
| **04/0137/08/I** | Eleonora Insalaco ghal Anna Lindth Foundation bghatet tinfurmana li zewg proposti taghna huma 'in line' mal-ogettivi taghhom u tawna l-informazzjoni kif nistu napplikaw ghal Grants. |
| **04/0141/08/I** | Patrick Fenech resident fi Triq San Filippu qieghed jitlob lill-Kunsill biex jintervjeni dwar Air Conditioner ta' resident iehor li qed jaghmel hafna storbju.(Supretendent). |
| **04/0142/08/1** | Talba minn Ivan Grech Mintoff biex jiehu permess halli il-boat ikun jista itellaha l-art hdejn Senglea Gate ghal xahar biex jaghmel tiswijiet u biex issir tabella li ma jistux jipparkjaw. |
| **04/0171/08/1** | L-Assistent Direttur is-Sur Alfred Armeni bghat e-mail dwar seminar li ser isir ghas-Sindki nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2008 bejn 10.00am-12.00am dwar zwigijiet minn Sindki. |
| **04/0152/08/I** | Ian Camilleri l-applikant ghal post ta' Skrivan mal-Kunsill bghat nota fejn irringrazzja lill-Board u l-Kunsill ghal hatra tieghu, imma iddecieda li mhux interessat. |
| **04/0163/08/I** | Amandine Leopold ghal AVEC bghatet e-mail fejn infurmatna li ma hallasniex il-kontribuzzjoni taghna 2007-2008 li jammontaw ghal Euro 141.44. |
| **04/0185/08/I** | E-mail minn Silvio Frendo dwar il-konferma tal-Ground tal-Football. |

## 44 (3) Rapport tal-Board tal-Ghazla Skrivan/a u Segretarju/a Ezekuttiv

### 44 (3) 1 Vakanza ta' Skrivan/a

Is-Sindku Joseph Casha qara t-tieni rapport mill-Board tal-Ghazla ghall-Interviews li saru fid-9 ta' Jannar 2008. Il-Board tal-ghazla irrakkomanda l-ahjar kandidat ghal dan il-post kien is-Sur Ian Camilleri. Bhala runner up kien hemm is-Sinjorina Graziella Saliba.

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li saru l-kuntatti mas-Sur Camilleri biex jigi maghruf meta dan ikun jista jibda x-xoghol. Kien jidher li s-Sur Camilleri rega bdielu, u x'aktarx ma kienx sejjer jaccetta. Infatti, jumejn wara is-Sur Camilleri bghat bil-miktub li kien rega bdielu u kien sejjer jibqa jahdem fejn hu qieghed bhal issa.

Is-Segretarju tal-Kunsill kellu jaghmel kuntatt mas-Sinjorina Graziella Saliba biex jinfurmha li dan il-post kien ser jigi offrut lilha.

44 (3) 2 Vakanza ta' Segretarju/a Ezekuttiv

Is-Sindku Joseph Casha qara r-rapport mill-Board tal-Ghazla ghall-Interviews li saru l-Hamis 10 ta' Jannar 2008.

Il-Board tal-ghazla ghamel interviews lil tmien kandidati li applikaw ghall-din il-vakanza.

Skond il-Board tal-Ghazla, il-kandidati kollha kienu ta' livell gholi. Izda fl-opinjoni taghhom l-ahjar kandidat idonju biex iwettaq id-dmirijiet ta' Segretarju Ezekuttiv kien is-Sur Arthur Perici.

Il-Kunsill approva u ikkonferma din l-ghazla u kellhom isiru l-kuntatti mas-Sur Arthur Perici biex jigi maghruf meta dan jkun jista jibda f'din il-kariga.

## 44 (4) Xoghlijiet ta' Mains ta'l-ilma (WSC 897/06)

Is-Sindku Joseph Casha ghamel il-kuntatt mal-Water Services Corporation biex jigu indikati fejn hemm bzonn li jsir it-tibdil ta' water mains. Skond is-Sindku Joseph Casha, dawn huma it-toroq li hemm bzonn li jsir dan is-servizz :

(1) Triq Porto Salvu
(2) Triq Grigali
(3) Triq il-Ponta sa Triq San Mikiel
(4) Triq is-Sur sa Triq San Mikiel
(5) Triq San Filippu
(6) Triq San Frangisk sa Triq il-Vitorja
(7) Triq Sant Angelo
(8) Triq Santa Katerina
(9) Triq id-Duluri sa Triq il-Vitorja

## 44 (5) Rapport Ground tal-Football

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bghat jinforma lill-Kunsill li wara li ha nota tal-kummenti tal-ittra datata 10 ta' Dicembru 2007 li l-Kunsill kien bghat lid-Dipartiment, ma jsibux oggezzjoni li l-Kunsill jipprocedi kif qieghed jispjega fl-istess ittra.

44 (5) 1 Is-Sindku Joseph Casha ressaq Draft ta' regolamenti, biex jitwaqqaf bard u jkunu bazi ghat-tmexxija ta' dan il-progett. Dan huwa biss draft u għandu jservi bħala bazi ta' diskussjoni biex jitressaq quddiem il-kunsill wara li jkun ingħata lilna parir legali.

Is-Sindku Joe Casha qal li se jitkomplew id-diskusjonijiet ma ' All Sports biex naraw l-aħjar vantaġġi li jista joffri l-kuntrattur biex jitħallas dan il-proġett.

Fil-fratemp il-kunsill għandu jieħu parir legali fuq dak li jkun ġie diskuss mal-kuntrattur, fejn wara dak kollu li jkun ġie diskuss jitressaq għall-approvazjoni tal-kunsill.

## 44 (6) Zjara w Attivitajiet HMS Illustrious (7-11 Frar 2008)

Is-Sindku Joseph Casha qara l-minuti tal-laqgha li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2008 bejn is-Sindki tat-tlett ibliet. Din il-laqgha saret biex flimkien jahdmu programm ta' attivitajiet bejn it-tlett ibliet, ghal waqt iz-zjara tal-HMS Illustrious.

Waqt il-laqgha issemmew dawn il-punti :

- Football tournament bejn players tal-HMS Illustrious u Players tat-tlett ibliet
- Zjara fuq l-HMS Illustrious
- Kuncert u March mill-Banda tal-HMS Illustrious li jibda mill-Birgu u jintemm l-Isla
- Xoghlijiet minn bahrin tal-HMS Illustrious li jistghu isiru fil-komunita tal-Isla
- Stediniet u Visits ohra

## 44 (7) Approvazzjoni ta' Hlasijiet u Pagamenti

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-hlas ta' pagamenti ghall-ammont ta' Lm 2446.36.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-hlas ta' pagamenti li jammontaw ghal Euro 27,327.59

Billi l-Business tal-Agenda gie fi tmiem, il-laqgha ntemmet fid-9.00pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Deputat Seġretarju Eżekuttiv |